Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

tat-18 ta' Jannar 2017 [1]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Skema partikolari ta' tassazzjoni tal-marġni ta' profitt — Kunċett ta' 'oġġetti użati' — Bejgħ ta' partijiet ta' bdil ta' vetturi"

Fil-Kawża C-471/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Vestre Landsret (qorti tal-appell tar-reġjun tal-Punent, id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Settembru 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Settembru 2015, fil-proċedura

**Sjelle Autogenbrug I/S**

vs

**Skatteministeriet,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, M. Vilaras (Relatur), J. Malenovský, M. Safjan u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-8 ta' Settembru 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Sjelle Autogenbrug I/S, minn C. Bachmann, avukat,

— għall-Gvern Daniż, minn C. Thorning, bħala aġent, assistit minn D. Auken, avukat,

— għall-Gvern Elleniku, minn E. Tsaousi u K. Nasopoulou, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn L. Lozano Palacios u M. Clausen, sussegwentement minn L. Lozano Palacios, L. Grønfeldt u M. Clausen, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2016,

1 — Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 311(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006 L 347, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Sjelle Autogenbrug I/S u Skatteministeriet (ministeru tat-taxxa u tad-dazju tas-sisa, id-Danimarka), dwar l-applikabbiltà tal-iskema ta' tassazzjoni tal-marġni ta' profitt mill-bejgħ ta' partijiet ta' bdil provenjenti minn vetturi li ma għadhomx jintużaw intiżi li jinbiegħu bħala partijiet ta' bdil.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

Id-Direttiva 2006/112

3 Il-premessa 51 tad-Direttiva 2006/112 tiddikjara:

"Hu xieraq li tiġi adottata sistema ta' tassazzjoni tal-Komunità li għandha tkun applikata għall-oġġetti użati, xogħlijiet ta' l-arti, antikitajiet u oġġetti tal-kollezzjoni, bil-għan li tkun evitata t-taxxa doppja u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn persuni taxxabbli."

4 Skont l-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva:

"Il-prinċipju tas-sistema komuni ta' [taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)] tinvolvi l-applikazzjoni ta' taxxa ġenerali fuq il-konsum fuq merkanzija u servizzi li hi eżattament proporzjonali għall-prezz tal-merkanzija u s-servizzi, ikunu kemm ikunu t-transazzjonijet li jkunu saru fil-proċess ta' produzzjoni u distribuzzjoni qabel l-istadju li fih hi imposta t-taxxa.

Fuq kull transazzjoni, il-VAT, kalkulata fuq il-prezz tal-merkanzija jew tas-servizzi bir-rata applikabbli għat-tali merkanzija jew servizzi, għandha tkun imposta wara t-tnaqqis ta' l-ammont tal-VAT li qed jinġarr direttament mid-diversi komponenti tal-prezz.

[...]"

5 It-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112, intitolat "Skemi speċjali" jinkludi l-Kapitolu 4, intitolat "Arranġamenti speċjali għal oġġetti użati, xogħlijiet ta' l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet", li huwa kkostitwit mill-Artikoli 311sa 343 ta' din id-direttiva.

6 Skont il-punti 1 u 5 tal-Artikolu 311(1) ta' din id-direttiva:

"Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, u mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

1) 'oġġetti użati' tfisser proprjetà mobbli tanġibbli li tista' tiġi użata ulterjorment kif inhi jew wara li tissawwa, minbarra xogħlijiet ta' l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni jew antikitajiet u minbarra metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż kif definit mill-Istati Membri;

[…]

5) ‘negozjant taxxabbli’ tfisser kwalunkwe persuna taxxabbli li, matul l-attività ekonomika tagħha u bil-għan li terġa’ tbiegħ, tixri, jew tapplika għall-għanijiet tan–negozju tagħha, jew timporta, oġġetti użati, xogħlijiet ta’ l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni jew antikitajiet, kemm jekk dik il-persuna taxxabbli qed taġixxi għaliha nnifisha jew f’isem persuna oħra skond kuntratt li permezz tiegħu titħallas kummissjoni fuq ix-xiri jew il-bejgħ.”

7 It-taqsima 2 tal-Kapitolu 4 li tinsab taħt it-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112 hija intitolata “Arranġamenti speċjali għal negozjanti taxxabbli”. Din tinkludi b’mod partikolari, subtaqsima 1, intitolata “Skema ta’ marġni”, li taħtha hemm l-Artikoli 312 sa 325 ta’ din id-Direttiva.

8 L-Artikolu 312 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

“Għall-finijiet ta’ din is-Sub-taqsima, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

1) ‘il-prezz tal-bejgħ’ tfisser dak kollu li jikkostitwixxi l-ħlas miksub jew li ser jiġi miksub min-negozjant taxxabbli mingħand ix-xerrej jew parti terza, inklużi sussidji direttament marbuta mat-transazzjoni, taxxi, dazji, imposti u piżijiet u spejjeż inċidentali bħal kummissjoni, ippakkjar, trasport u spejjeż ta’ l-assigurazzjoni mitluba min-negozjant taxxabbli lill-konsumatur, iżda li jeskludu l-ammonti msemmija fl-Artikolu 79;

2) ‘prezz tax-xiri’ tfisser dak kollu li jikkokstitwixxi l-ħlas, għall-finijiet tal-punt (1), miksub jew li għandu jkun miksub mingħand in-negozjant taxxabbli mill-fornitur tiegħu.”

9 L-Artikolu 313 tad-Direttiva 2006/112 jistabbilixxi li;

“Għar-rigward ta’ provvisti ta’ oġġetti użati, xogħlijiet ta’ l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet magħmula minn negozjanti taxxabbli, l-Istati Membri għandhom japplikaw skema speċjali għall-intaxxar tal-marġni ta’ profitt magħmul minn negozjant taxxabbli, skond id-disposizzjonijiet ta’ din is-Sub-taqsima.”

10 Skont l-Artikolu 314 ta’ din id-direttiva:

“L-iskema tal-marġni għandha tapplika għall-provvista minn negozjant taxxabbli ta’ merkanzija użata, oġġetti tal-kollezzjoni jew antikitajiet fejn dik il-merkanzija kienet ipprovduta lilu fil-Komunità minn waħda mill-persuni li ġejjin:

a) persuna mhux taxxabbli;

[…]”

11 L-Artikolu 315 ta’ l-imsemmija direttiva jipprovdi:

“L-ammont taxxabbli fir-rigward tal-provvista ta’ merkanzija kif msemmija fl-Artikolu 314 għandu jkun il-marġni ta’ profitt magħmul min-negozjant taxxabbli, bit-tnaqqis ta’ l-ammont tal-VAT li jirreferi għall-marġni ta’ profitt.

Il-marġni ta’ profitt tan-negozjant taxxabbli għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ mitlub min-negozjant taxxabbli għall-merkanzija u l-prezz tax-xiri.”

12 L-Artikolu 318 tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi:

"1. Sabiex tkun issimplifikata l-proċedura għall-ġbir tat-taxxa u wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li, għal ċerti transazzjonijiet jew għal ċerti kategoriji ta' negozjanti taxxabbli, l-ammont taxxabbli fir-rigward ta' provvisti ta' merkanzija soġġetta għall-iskema ta' marġni għandu jkun stabbilit għal kull perijodu tat-taxxa li matulu n-negozjant taxxabbli għandu jissottometti d-denunzja tal-VAT imsemmija fl-Artikolu 250.

Fil-każ li tali provvista ssir skond l-ewwel subparagrafu, l-ammont taxxabbli fir-rigward ta' provvisti ta' merkanzija li għalihom l-istess rata tal-VAT hi applikata għandu jkun il-marġni ta' profitt totali magħmul min-negozjant taxxabbli bit-tnaqqis ta' l-ammont ta' VAT li tirreferi għal dak il-marġni.

2. Il-marġni ta' profitt totali għandu jkun ugwali għad-differenza bejn iż-żewġ ammonti li ġejjin:

a) il-valur totali ta' provvisti ta' merkanzija soġġetti għall-iskema ta' marġni u mwettqa min-negozjant taxxabbli matul il-perijodu tat-taxxa kopert mid-denunzja, jiġifieri, it-total tal-prezzijiet tal-bejgħ;

b) il-valur totali tax-xiri ta' merkanzija kif imsemmi fl-Artikolu 314, magħmula min-negozjant taxxabbli matul il-perijodu tat-taxxa kopert mid-denunzja, jiġifieri, it-total tal-prezzijiet tax-xiri.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li n-negozjanti taxxabbli msemmija fil-paragrafu 1 ma jgawdux vantaġġi mhux ġustifikati jew iġarrbu telf mhux ġustifikat."

Id-Direttiva 2000/53/KE

13 Il-premessa 5 tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Settembru 2000, dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 224) tiddikjara li jeżisti prinċipju fundamentali li l-iskart għandu jiġi użat mill-ġdid u rkuprat, u li għandha tingħata preferenza lill-użu mill-ġdid u lir-riċiklaġġ. Il-premessa 14 ta' din id-direttiva tirrikonoxxi n-neċessità tal-inkoraġġiment tal-iżvilupp tas-swieq għall-materjali rriċiklati.

14 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/53, intitolat "Skop" jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Din id-Direttiva għandha tkopri vetturi u vetturi li m'għadhomx jintużaw, inklużi l-komponenti tagħhom u l-materjali. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, din għandha tapplika irrispettivament għal kif il-vettura ġiet mogħtija servizz jew irranġata matul l-użu u irrispettivament jekk hiex ekwipaġġata b'komponenti akkwistati minn produttur jew b'komponenti oħra bħala spare jew replacement parts li huma bi qbil mad-disposizzjonijiet xierqa tal-Komunità jew id-disposizzjonijiet domestiċi."

*Id-dritt Daniż*

15 Taħt il-kapitolu 17, intitolat "Dispożizzjonijiet partikolari għall-oġġetti użati, xogħolijiet tal-arti, oġġetti ta' kollezzjoni u antikitajiet", tal-lov om merværdiafgift Nru 106 (Liġi Nru 106 marbuta mat-taxxa fuq il-valur miżjud), tat-23 ta' Jannar 2013, fil-verżjoni tagħha applikabbli fid-data tal-fatti prinċipali (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar il-VAT"), l-Artikolu 69(1) u (3) kienu jipprovdu li:

"1. L-impriżi li jakkwistaw, fost l-oħrajn, bil-għan li jerġgħu jbigħuhom, oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, oġġetti ta' kollezzjoni u antikitajiet jistgħu, meta jerġgħu jbigħhom, iħallsu t-taxxa fuq l-oġġetti użati inkwistjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu. L-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli b'mod

partikolari għall-oġġetti użati hija suġġetta għall kundizzjoni preliminari li l-kunsinna ta' dawn il-beni minn persuna mhux suġġetta għat-taxxa ssir mid-Danimarka jew minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea minn:

1) persuna mhux taxxabbli;

[…]

3. Oġġetti użati huma dawk il-beni mobbli tanġibbli li jistgħu jiġu użati mill-ġdid kif inhuma jew wara li jissewwew, minbarra x-xogħlijiet tal-arti, l-oġġetti ta' kollezzjoni, l-antikitajiet u l-ħaġar u l-metalli prezzjużi. Mezz ta' trasport imwassal lejn jew minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea huwa kkunsidrat bħala oġġett użat, jekk ma jaqax fid-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 11(6)."

16 Skont ix-xogħlijiet preparatorji tal-liġi dwar il-VAT tal-1994 (Folketingstidende 1993-1994, Anness A, kolonna 4368), li introduċiet regoli fuq il-VAT tal-oġġetti użati, "[l]-għan tar-regoli proposti huwa li jiġi evitat il-ħlas tal-VAT kollha għall-istess oġġett darbtejn jew iktar. Dan huwa, pereżempju, il-każ meta negozjanti jixtru mingħand individwi oġġetti użati sabiex jerġgħu jbigħhom".

17 Minn dawn ix-xogħlijiet preparatorji, jirriżulta li l-kunċett ta' "oġġetti użati" imsemmi fl-Artikolu 69(3) tal-liġi dwar il-VAT, jindika "l-oġġetti mobbli tanġibbli li jistgħu jintużaw mill-ġdid kif inhuma jew wara li jissewwew. Minn dan jirriżulta li l-oġġett mobbli tanġibbli għandu jżomm l-identità tiegħu".

18 F'nota ta' gwida tal-10 ta' Frar 2006 dwar il-VAT applikabbli għall-vetturi skrappjati, l-amministrazzjoni fiskali indikat li r-regoli tal-VAT fuq l-oġġetti użati ma japplikawx għall-bejgħ mill-ġdid ta' partijiet li tneħħew minn min jiskrappja l-vetturi, peress li l-vettura ttrasformata f'partijiet maqlugħa, tibdel in-natura tagħha.

### Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

19 Sjelle Autogenbrug I/S hija impriża ta' riċiklaġġ ta' vetturi li l-attività prinċipali tagħha hija l-bejgħ mill-ġdid ta' partijiet ta' vetturi użati li jitneħħew minn vetturi li ma għadhomx jintużaw.

20 L-attività ta' Sjelle Autogenbrug tinkludi, barra minn dan, operazzjonijiet kontra t-tniġġis u għat-trattament tal-iskart ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li tikkostitwixxi kundizzjoni preliminari sabiex tikseb id-dritt sabiex twettaq l-iżmantellar tal-partijiet ta' bdil. Fl-aħħar nett, parti żgħira mid-dħul mill-bejgħ globali tal-impriża tirriżulta mill-bejgħ ta' skart tal-metall (skrapp tal-ħadid) li jirriżulta mit-trattament u l-iżmantellar tal-partijiet tal-vetturi.

21 Ix-xiri minn Sjelle Autogenbrug ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, isir mingħand individwi u kumpanniji tal-assigurazzjoni. La l-individwi u lanqas il-kumpanniji tal-assigurazzjonijiet ma jiddikjaraw il-VAT fuq il-bejgħ li jkun sar. Il-qorti tar-rinviju indikat, fid-deċiżjoni tagħha, li l-kwistjoni li hija ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tikkonċerna biss partijiet użati provenjenti minn vetturi li Sjelle Autogenbrug tixtri mingħand individwi.

22 L-iskrappjar ta' vettura li ma għadhiex tintuża jagħti lok għad-dritt għal ħlas għall-iskrappjar, imħallas mill-ministeru għall-ambjent lill-aħħar proprjetarju tal-vettura rreġistrat fil-fajl nazzjonali tal-vetturi. Din l-iskema hija intiża li tħajjar lill-proprjetarji jirrikorru għal skrappjar ta' vettura li jkun jirrispetta l-ambjent. Sa mill-2014, huma l-proprjetarji ta' dawn il-vetturi, u mhux iktar Sjelle Autogenbrug, li għandhom jiġbru l-ħlas għall-iskrappjar.

23 Il-qorti tar-rinviju tindika li ma jeżistux elementi disponibbli dwar il-kompożizzjoni tal-prezz tax-xiri tal-vetturi u, b'mod partikolari, dwar id-determinazzjoni u l-integrazzjoni fil-prezz tal-bejgħ tal-valur tal-partijiet tal-vetturi, tal-iskart metalliku kif ukoll dwar il-ħlas għall-iskrappjar previst għall-operazzjonijiet kontra t-tniġġis u t-trattament tal-iskart ta' vetturi.

24 Il-qorti tar-rinviju tindika li Sjelle Autogenbrug tiddikjara l-VAT skont ir-regoli ġenerali. Fil-15 ta' Lulju 2010, hija talbet lill-awtoritajiet fiskali Daniżi jadottaw analiżi fiskali dwar l-applikabbiltà tal-iskema tal-VAT fuq oġġetti użati prevista fil-kapitolu 17 tal-liġi dwar il-VAT, għall-attività tagħha ta' bejgħ mill-ġdid ta' partijiet ta' vetturi użati.

25 Skont l-analiżi fiskali mogħti lilha mill-amministrazzjoni fis-6 ta' Awwissu 2010, Sjelle Autogenbrug ma għandhiex id-dritt li tinvoka l-iskema ta' tassazzjoni fuq il-marġni ta' profitt tal-bejgħ ta' oġġetti użati, peress li l-partijiet tal-vetturi inkwistjoni ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "oġġetti użati" fis-sens tal-leġiżlazzjoni applikabbli.

26 Il-Landsskatteretten (qorti fiskali, id-Danimarka) ikkonfermat din l-analiżi permezz ta' sentenza tat-12 ta' Diċembru 2011. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali appellat minn din tal-aħħar quddiem il-qorti tar-rinviju.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Vestre Landsret (qorti tal-appell tar-reġjun tal-Punent, Id-Danimarka) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tirrinvija lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domanda preliminari:

"Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, parts [partijiet] minn vetturi li ma għadhomx jintużaw li impriża ta' vetturi użati mill-ġdid irreġistrata għall-finijiet tal-VAT tneħħi minn vettura bil-għan li tbiegħ mill-ġdid bħala spare parts [partijiet ta' bdil], jistgħu jitqiesu bħala oġġetti użati kif imsemmija fl-Artikolu 311(1) tad-Direttiva […] 2006/112 […]?"

**Fuq id-domanda preliminari**

28 Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 1 tal-Artikolu 311(1) tad-Direttiva 2006/112 għandux jiġi interpretat fis-sens li partijiet użati provenjenti minn vetturi li ma għandhomx jintużaw, akkwistati minn impriża ta' riċiklaġġ tal-vetturi minn individwu u li huma maħsuba li jiġu mibjugħa bħala partijiet ta' bdil, jikkostitwixxu "oġġetti użati", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, bil-konsegwenza li l-kunsinni ta' tali partijiet, imwettqa minn negozjant taxxabbli, huma suġġetti għall-applikazzjoni tal-iskema tal-marġni ta' profitt.

29 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, sabiex tiġi ddeterminata l-portata ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm il-kliem tagħha, kemm l-għan tagħha kif ukoll il-kuntest ta' din tal-aħħar (sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Auto Nikolovi, C-203/10, EU:C:2011:118, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dan il-każ, skont il-punt 1 tal-Artikolu 311(1) tad-Direttiva 2006/112, jikkostitwixxu "oġġetti użati" il-"beni mobbli tanġibbli li jistgħu jiġu użati mill-ġdid kif inhuma jew wara li jissewwew".

31 Hemm lok li jiġi kkonstatat li minn din id-dispożizzjoni ma jirriżultax li l-kunċett ta' "oġġetti użati", fis-sens ta' din tal-aħħar, kien jeskludi l-beni mobbli tanġibbli li jistgħu jiġu użati mill-ġdid kif inhuma jew wara li jissewwew, li jirriżultaw minn oġġett ieħor li kienu inkorporati fih bħala partijiet kostituttivi. Fil-fatt, iċ-ċirkustanza li oġġett użat li jikkostitwixxi oġġett ieħor ikun separat minn dan tal-aħħar ma tikkontestax il-klassifikazzjoni ta' oġġett meħud minn "oġġett użat", sa fejn dan jista' jintuża mill-ġdid "kif inhu[…] jew wara li jisseww[a]".

32 Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni bħala "oġġett użat" tirrikjedi unikament li l-oġġett użat ikun għad fih il-funzjonalitajiet li kellu meta kien ġdid, u minħabba f'hekk, jista' jerġa' jintuża kif inhu jew wara li jissewwa.

33 Issa, dan jgħodd fir-rigward ta' partijiet ta' bdil ta' vettura li ma għandhiex tintuża, sa fejn, għalkemm isseparati minn din il-vettura, dawn ikun għad għandhom il-funzjonalitajiet li kellhom meta kienu ġodda, u minħabba f'hekk, jistgħu jerġgħu jintużaw għall-istess finijiet.

34 Din l-interpretazzjoni hija, barra minn hekk, konformi mal-prinċipju fundamentali stabbilit fil-premessa 5 tad-Direttiva 2000/53, li skontha hemm lok li jiġi użat mill-ġdid u rkuprat l-iskart tal-vetturi, inklużi l-komponenti u l-materjali tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw.

35 L-argument tal-Gvern Daniż, li l-klassifikazzjoni ta' "oġġett użat", fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 311(1) tad-Direttiva 2006/112, tippreżumi identità bejn l-oġġett mixtri u l-oġġett mibjugħ, fatt li ma jissussistix fil-każ tax-xiri ta' vettura sħiħa u l-bejgħ ta' partijiet ta' bdil meħuda minn din il-vettura, ma jistax iwassal għall-kontestazzjoni ta' tali interpretazzjoni. Dan il-gvern iqis li l-partijiet ta' bdil ta' vettura użata ġew prodotti waqt it-trattament tal-iskart tal-vettura. Minħabba f'hekk, dawn ma jkunux żammew l-identità tagħhom bejn il-mument li fih ikunu ġew akkwistati mill-impriża bħala partijiet ta' bdil ta' vettura li ma għadhiex tintuża u l-mument li fih dawn ikun ġew mibjugħa bħala partijiet ta' bdil.

36 Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li vettura hija komposta minn assjem ta' partijiet li ġew armati u li jistgħu jiġu żarmati u mibjugħa, kif inhuma jew wara li jissewwew.

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-partijiet provenjenti minn vetturi li ma għadhomx jintużaw għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu "oġġetti użati", fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 311(1) tad-Direttiva 2006/112, bil-konsegwenza li l-kunsinni ta' tali partijiet ta' bdil imwettqa minn negozjanti taxxabbli huma suġġetti għall-applikazzjoni tal-iskema tal-marġni ta' profitt, skont l-Artikolu 313(1) ta' din id-direttiva.

38 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-iskema tal-marġni ta' profitt, jeħtieġ li jitfakkar li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 315 tad-Direttiva 2006/112, il-marġni ta' profitt tan-negozjant taxxabbli tekwivali għad-differenza ta' bejn il-prezz tal-bejgħ mitlub min-negozjant taxxabbli u l-prezz tax-xiri.

39 In-nuqqas ta' applikazzjoni ta' din l-iskema għall-partijiet ta' bdil, meħuda minn vetturi li ma għadhomx jintużaw mixtrija mingħand individwi jmur kontra l-għan tal-iskema partikolari tal-marġni ta' profitt li tipprevedi, kif jirriżulta mill-premessa 51 tad-Direttiva 2006/112, li tiġi evitata it-tassazzjoni doppja u d-distorzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-persuni taxxabbli fil-qasam tal-oġġetti użati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' April 2004, Stenholmen, C-320/02, EU:C:2004:213, punt 25; tat-8 ta' Diċembru 2005 Jyske Finans, C-280/04, EU:C:2005:753, punt 37, kif ukoll tat-3 ta' Marzu 2011, Auto Nikolovi, C-203/10, EU:C:2011:118, punt 47).

40 Fil-fatt, l-issuġġettar għall-VAT tat-tranżazzjonijiet ta' kunsinna ta' tali partijiet ta' bdil imwettqa minn negozjant taxxabbli jwassal għal tassazzjoni doppja, sa fejn, minn naħa, il-prezz tal-bejgħ tal-imsemmija partijiet ikun neċessarjament diġà jieħu inkunsiderazzjoni l-VAT fuq l-input li tkun tħallset fuq ix-xiri tal-vettura mill-persuna li taqa' taħt l-Artikolu 314(a) tad-Direttiva 2006/112 u, min-naħa l-oħra, la din il-persuna u lanqas in-negozjant taxxabbli ma jkunu f'pożizzjoni li jnaqqsu dan l-ammont (ara s-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Auto Nikolovi, C-203/10, EU:C:2011:118, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Ċertament, il-Gvernijiet Daniżi u Griegi jagħmlu riferiment għad-diffikultajiet possibbli fid-determinazzjoni, skont l-Artikolu 315 tad-Direttiva 2006/112, tal-valur taxxabbli tal-marġni ta' profitt u b'mod partikolari tal-prezz tax-xiri ta' kull waħda minn dawn il-partijiet ta' bdil.

42 Madankollu, id-diffikultajiet prattiċi possibbli fl-applikazzjoni tal-iskema tal-marġni ta' profitt ma tistax tiġġustifika l-esklużjoni ta' ċerti kategoriji ta' negozjanti taxxabbli minn din l-iskema, peress li l-possibbiltà ta' tali esklużjoni la hija prevista fl-Artikolu 313 u lanqas f'xi dispożizzjoni oħra tad-Direttiva 2006/112.

43 Barra minn hekk, il-valur taxxabbli ddeterminat skont l-iskema tal-marġni ta' profitt għandu jirriżulta minn kontabbiltà li tippermetti li jiġi vverifikat li huma ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha ta' applikazzjoni ta' din l-iskema.

44 Barra minn hekk, jeħtieġ li jitfakkar li, bil-għan li jiġi ssimplifikat il-ġbir tat-taxxa u wara konsultazzjoni tal-kumitat tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu, għal ċerti tranżazzjonijiet jew għal ċerti kategoriji ta' negozjanti taxxabbli, li l-valur taxxabbli tal-kunsinni ta' oġġetti suġġetti għall-iskema tal-marġni ta' profitt u li fir-rigward tagħhom tapplika l-istess rata tal-VAT, huwa kkostitwit mill-marġni ta' profitt globali, kif iddefinit mill-Artikolu 318 tad-Direttiva 2006/112.

45 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, jeħtieġ li tingħata risposta lil qorti tar-rinviju li l-punt 1 tal-Artikolu 311(1) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li partijiet użati provenjenti minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, akkwistati minn impriża ta' riċiklaġġ tal-vetturi mingħand individwu u li huma maħsuba li jinbiegħu mill-ġdid bħala partijiet ta' bdil, jikkostitwixxu "oġġetti użati" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, bil-konsegwenza li l-kunsinni ta' tali partijiet, imwettqa minn negozjanti taxxabbli, huma suġġetti għall-applikazzjoni tal-iskema tal-marġni ta' profitt.

**Fuq l-ispejjeż**

46 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Il-punt 1 tal-Artikolu 311(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li partijiet użati provenjenti minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, akkwistati minn impriża ta' riċiklaġġ tal-vetturi mingħand individwu u li huma maħsuba li jinbiegħu mill-ġdid bħala partijiet ta' bdil, jikkostitwixxu "oġġetti użati" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, bil-konsegwenza li l-kunsinni ta' tali partijiet, imwettqa minn negozjanti taxxabbli, huma suġġetti għall-applikazzjoni tal-iskema tal-marġni ta' profitt.**

Firem